QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

MAGISTRAT DOTTOR CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT LL.D., M.Phil.

Il-Pulizija
(Spettur Hubert Cini)

vs

SIMONE GRIXTI

Illum 16 ta' Novembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Simone Grixti maghruf bhala Simone Grixti Bittar, ta' 31 sena, bint Anthony u Josephine xebba Oliva, imwielda tal-Pieta' u residenti 51, Binamar, Flt 6, Triq l-Isqof F S Caruana, Msida u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 491484M gie akkuzat talli:

Fit-24 ta' April 2015 ghal habta tat-08:30hrs u fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola ikkagunat minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' WCO29 Caroliza Buttigieg, ta' natura hafifa jew igibilha disordni f'mohhha kif iccertifikat Dr. Ian Psaila (reg: 3395) tal-Poliklinika Paola u dan bi ksur tal-Artikli 214, 215, 22 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, ingurjat, jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' WCO29 Caroliza Buttigieg, persuna wiehed inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghaha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artiklu 95 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra WC)29 Caroliza Buttigieg persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi

mill-awtorita' kompetenti, dan bi ksur tal-Artiklu 96 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' WCO29 Caroliza Buttigieg li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jku ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra dan bi ksur tal-Artiklu 338(ee) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-artiklu 33A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Simone Grixti u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula. U aktar talli ghamlet reat f'perjodu operattiv ta' Probation Sec 7 Chp 446 mogtija fis-16 ta' Dicembru 2014 mill-Magistrat Dr. M. Hayman.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-lum l-imputata ammettiet l-akkuzi dedotti kontriha u kkonfermat tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkonsidra l-posizzjoni taghha.

Rat l-artikoli tal-ligi, senjatament l-artikolu 33A, 49, 50, 95, 96, 214, 215, 221, 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni sabet lill-imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u stante illi l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) akkuzi huma assorbiti fit-3 akkuza, tikkundannaha ghall-piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur kif ukoll multa ta' €4,000 pagabbli fi zmien tlett (3) snin.

Dr. Claire L. Stafrace Zammit LL.D.
Magistrat